# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta'           Mejju 2019

**Il-Pulizija**

**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Carmela Cini**

Kumpilazzjoni numru 100/2018 YMS

**Il-Qorti**,

Rat li l-akkuzata, **Carmela Cini** ta' sitta u erbghin (46) sena, bint Bartolomeo u Maria neè Muscat, imwielda Pietà fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u wiehed u sebghin (1971) u toqghod "Qawra Point", Blokk 5, Flat 12, Ras il-Qawra, San Pawl il-Bahar, detrentrici tal-karta tal-identità 139071M, giet imressqa quddiemha akkuzata talli fil-5 ta' Frar 2018 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' fil-ghodu (04:30 hrs) u u fil-granet immedjatament precedenti, f'San Pawl il-Bahar, Malta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni ai termini tal-Artikolu 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Ikkommettiet serq ta' basket li kien hemm fih is-somma ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500) fi flus kontanti u xi oggetti ohra ghad-detriment ta' Mounia Romano detentrici tal-karta tal-identità numru 450L, liema serq hu kwalifikat, bil-hin, bil-valur li hu izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikoli 261, 267, 270, 279, 280 u 281 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli nhar il-Gimgha 2 ta' Frar 2018 ghall-habta tal-hamsa u ghoxrin minuta ta' fil-ghodu (05:28 hrs), ikkommettiet serq ta' zewg grossos tas-sigaretti tal-marka Marlboro u sitt pakketti tas-sigaretti tal-marka Superking ta' valur totali li ma jeccedix il-mitejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u cioè (€141.20) ghad-detriment ta' Mounia Romano detentrici tal-karta tal-identità numru 4509L, liema serq hu kwalifikat bil-hin, ai termini tal-Artikoli 261, 270 u 281 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija ksirt il-provvedimenti tal-Artikolu 28A et sequitur billi ksirt il-kundizzjonijiet imposti fuqek b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 08.04.2014;

4. Talli saret recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

   Il-Qorti ntalbet sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-istess imputata tammetti l-akkuzi kif dedotti kontra taghha waqt is-seduta tat-2 ta' April 2019 wara li din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u wara li tatha ftit taz-zmien biex terga' lura minnha skont kif irid l-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tal-4 ta' April 2019 fejn il-Prosekuzzjoni a fol 122 tal-atti ddikjarat li ma kinitx qieghda tinsisti fuq l-aggravju tar-recediva hawn fuq deskritta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni w ezaminat l-atti kollha tal-kawza.

IKKUNSIDRAT:

Il-Qorti, ghalhekk, in vista ta' din l-ammissjoni, ma tistax ma ssibx lill-Imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi rigward l-ewwel u t-tieni akkuza din il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Mounia Romano (a fol 35 sa fol 56 u fol 78 sa fol 82) u Nicola Romano (a fol 74 sa fol 77) u PS 419 Anton Buttigieg (a fol 71 sa fol 73) li gharfu lill-Imputata u minn dak li qalu jirrizulta li s-serqiet saru mill-hanut tal-konjugi Romano f'San Pawl il-Bahar f'zewg okkazjonijiet u cioè nhar it-2 ta' Frar 2018 u l-5 ta' Frar 2018 fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu ghalhekk tali serqiet jirrizultaw aggravati bil-hin. Jirrizulta wkoll li l-valur tas-serqiet jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlein centezmu (€2,329.37) fl-ewwel imputazzjoni u l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u ghalhekk dawn is-serqiet huma aggravati fil-valur.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li s-serqiet huma aggravati bil-valur u l-hin jirrizultaw ipprovati soddisfacentement.

Illi rigward it-tielet akkuza, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tat-8 ta' April 2014 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Carmela Cini" (a fol. 85) li permezz taghha fuq ammissjoni l-Imputata kienet giet ikkundannata inter alia ghal piena ta' xahar prigunerija sospiza ghal erba' snin. Is-serqiet graw matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Illi rigward ir-raba' akkuza in vista ta' tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni dwar in-nuqqas ta' insistenza fuq ir-recediva, din il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni.

Illi l-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta' esperti billi fis-seduta tat-2 ta' April 2019 (a fol. 122) din il-Qorti rrevokat l-ikarigu tal-espert li kien gie notminat fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2018 (a fol. 33).

Il-Qorti hadet kont tal-gravità ta' l-akkuzi li bihom giet akkuzata (specjalment fejn il-vittma misruqa hija persuna li ghandha problemi fil-vista taghha), il-

fedina penali kkulurita ta' l-istess imputata, u li naqset li trodd lura s-somma misruqa minkejja li kienet inghata l-opportunità li thallasha minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli, 18, 261, 267, 270, 279, 280 u 281 Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u wara li rat l-artikolu 28 A u 28 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta rigwardanti s-sentenza tat-8 ta’ April, 2014 ta’ xahar prigunerija mopghtija minn din il-Qorti diversament ippreseduta, fuq ammissjoni, issib lill-akkuzata hatja u tikkundanna lill-istess imputata komplessivament ghal sentejn habs effettivi.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**